

Brussell, 28 ta' April 2025
(OR. en)

7635/25

LIMITE

CULT 23
JEUN 41
AUDIO 18
PI 55
EDUC 84
EMPL 122
SOC 183
DIGIT 52
RECH 132
STAT 20

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi biex jibdew il-karrieri tagħhom - <i>Approvazzjoni</i>

Il-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq. It-test meħmuż għandu l-qbil tad-delegazzjonijiet kollha.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali dwar it-test meħmuż u jippreżentah lill-Kunsill (EYCS) għall-approvazzjoni waqt is-sessjoni tiegħu fit-13 ta' Mejju 2025 u l-pubblikazzjoni sussegwenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi biex jibdew il-karrieri tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

WARA LI KKUNSIDRA:

1. Il-valur intrinsiku tal-kultura bħala ġid komuni, il-libertà artistika u d-diversità kulturali, kif ukoll ir-rwol tas-setturi kulturali u kreattivi fl-iżvilupp soċjoekonomiku tal-Ewropa u t-tiżiħ tal-identità Ewropea, is-sens ta' komunità u l-prinċipji tad-demokrazija;
2. Il-fatt li l-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi huma mutur tal-kreattività u l-innovazzjoni, li jinkorporaw valuri kulturali, jipromwovu l-koeżjoni soċjali u ekonomika tal-Ewropa, isaħħu l-prosperità, id-diversità u l-inklużività tas-soċjetajiet demokratiċi tagħna, u jaġixxu bħala faċilitaturi sostenibbli għall-iżvilupp lokali u reġjonali;
3. Ir-rwol tal-artisti żgħażaġh u tal-professjonisti kulturali u kreattivi biex is-settur kulturali jsir aktar reżiljenti u aktar sostenibbli;
4. Il-kontribut kritiku magħmul minn artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi għad-diversità kulturali, bl-approċċi kreattivi ġodda u l-kunċetti innovattivi tagħhom, kif ukoll għaż-żamma u l-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali¹;
5. Il-fatt li ma hemm l-ebda definizzjoni ċara ta' "artisti żgħażaġh" jew "professjonisti kulturali u kreattivi żgħażaġh" fd-dritt tal-UE jew fis-sistemi legali tal-Istati Membri²;

¹ Il-Patt tan-NU dwar il-Futur ġie adottat mill-AĠNU fis-Summit tal-Futur tat-22 ta' Settembru 2024.

² It-termini użati f'dan id-dokument huma spjegati aktar fl-Anness, taħt "Definizzjonijiet".

6. Il-fatt li, irrispettivament mir-rwol jew l-istatus tagħhom bħala impjegati jew persuni li jaħdmu għal rashom, u irrispettivament mill-inugwaljanza bejn il-ġeneri u tipi oħra ta' inugwaljanza, is-sitwazzjoni soċjali u professjonali tal-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi hija – skont il-qasam artistiku kkonċernat – spiss ikkaratterizzata minn prekarjetà, xogħol intermittenti u introjtu imprevedibbli, pożizzjoni dgħajfa fil-konfront tal-kuntratturi, u aċċess insuffiċjenti jew l-ebda aċċess għas-sigurtà soċjali;
7. Il-fatt li l-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi li jidħlu fis-suq tax-xogħol spiss ikollhom għarfien limitat fir-rigward tal-intraprenditorija, l-ekonomija, il-kontabbiltà, l-oqfsa legali (inkluż id-drittijiet tal-awtur u drittijiet oħra tal-proprjetà intellettuali), l-aċċess għall-finanzi u s-sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà soċjali;
8. Il-fatt li l-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi, minkejja l-edukazzjoni artistika tagħhom, spiss ma jsibux xogħol ta' kwalità fis-setturi kulturali u kreattivi (CCS), jew huma obbligati jfittxu modi addizzjonali biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom;
9. Ir-rwol tal-istituzzjonijiet kulturali pubbliċi u privati fil-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg, inkluż billi jipprovdu informazzjoni dwar l-impjiegi u l-mentoraġġ, eċċ. għal artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi;
10. Il-ħtieġa għal inizzjattivi li jappoġġaw artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi li qed jibdew fil-professjonijiet tagħhom, u għal approċċ aktar sistematiku għall-appoġġ ta' tali individwi;

11. Il-fatt li l-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi ġeneralment jitqiesu li għandhom paga baxxa, u għandhom jiġu remunerati b'mod ġust u adegwat b'mod li jirrifletti l-edukazzjoni, il-kompetenzi reali u l-esperjenza professjonali tagħhom³;
12. Ir-rikonoxximent pubbliku baxx tal-importanza u n-natura tax-xogħol relatat mas-setturi kulturali u kreattivi u l-kumplessità tal-proċess kreattiv;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELL ADATT, BIEX:

13. Jirrikonoxxu l-karatteristiċi uniċi tal-professjonijiet artistiki u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli tagħhom, inkluż l-ostakli fir-rigward tad-diżabilità u l-ġeneru, kif ukoll l-ostakli ta' natura soċjali u razzjali, il-ħtieġa li dawn il-professjonijiet jiġu identifikati bħala sors ta' għajxien, u l-ħtieġa għar-rispett dovut għad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati kif ukoll drittijiet oħra ta' proprjetà intellettuali mogħtija lill-artisti u lill-professjonisti kulturali u kreattivi b'rabta mar-riżultati tal-attivitajiet professjonali tagħhom;
14. Jirrikonoxxu l-importanza tas-saħħa mentali u l-isfidi li jistgħu jiffaċċaw l-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi, u jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' miżuri ta' appoġġ xierqa;
15. Jikkunsidraw li jiżviluppaw jew itejbu s-sigurtà soċjali u d-drittijiet soċjali adegwati għall-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi;

³ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2023 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas tal-UE għas-sitwazzjoni soċjali u professjonali tal-artisti u tal-ħaddiema fis-setturi kulturali u kreattivi (2023/2051(INL)).

16. Ifittxu li jiżviluppaw, fejn rilevanti, kontenut fl-edukazzjoni artistika, biex jagħmluha faċli għaż-żgħażaġh li jiksbu l-kompetenzi kollha meħtieġa fis-setturi kulturali u kreattivi, u li jitgħallmu dwar suġġetti importanti bħal l-opportunitajiet ta' impjieg; l-intraprenditorija; il-prattika ġusta; id-drittijiet tal-awtur u l-qafas usa' tal-proprjeta' intellettwali; l-għodod diġitali u teknoloġiċi, inkluż l-intelliġenza artifiċjali (IA) - kemm l-użi potenzjali tagħha kif ukoll ir-riskji possibbli tagħha; id-drittijiet u l-obbligi legali; is-sigurtà soċjali; il-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u b'mod aktar ġenerali, il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni; il-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni; il-bini ta' preżenza online; u l-ħolqien ta' relazzjonijiet ma' udjenzi diġitali;
17. Iħeġġu lill-partijiet ikkonċernati li jinvolvu ruħhom fl-edukazzjoni tal-arti biex jifformulaw proġetti li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programm Erasmus+ tal-UE għall-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet ta' artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi;
18. Iħeġġu lill-partijiet ikkonċernati li jinvolvu ruħhom fl-edukazzjoni tal-arti biex ikomplu jiżviluppaw u jsaħħu r-rwol li għandhom l-uffiċċji tal-karrieri tagħhom jew istituzzjonijiet simili, jew – fejn rilevanti – jħeġġu l-kooperazzjoni bejn is-superviżuri tal-karriera u l-istituzzjonijiet kulturali li joperaw fil-pajjiżi tal-UE;
19. Ikomplu jappoġġaw il-preżenza ta' artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi fis-CCS, billi jipprovdu informazzjoni dwar il-Programm Ewropa Kreattiva u programmi u inizjattivi Ewropej rilevanti oħra, inkluż il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni;

20. Jippromwovu u jiffaċilitaw, fejn xieraq, forom informali u mhux formali ta' tagħlim għal kulħadd (eż. permezz tal-arti dilettanti), u tagħlim tul il-ħajja għal artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi (eż. permezz ta' workshops u residenzi artistiċi), sabiex jiġi stimulat l-iżvilupp tagħhom u jkunu mġammra bl-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex iniedu l-karrieri tagħhom;
21. Jikkunsidraw l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' networks multidixxiplinari eżistenti ta' kooperazzjoni bejn l-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi li jaħdmu f'diversi CCS, flimkien mar-rappreżentanti tal-amministrazzjoni pubblika, in-negozju, l-industrija u l-akkademja, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi u żvantaġġati kif ukoll fil-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej;
22. Jappoġġaw il-fażijiet inizjali u l-eżiti tal-attività kreattiva u artistika f'diversi CCS u jżidu l-viżibbiltà ta' artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi li qed jibdeu fil-karrieri tagħhom, kemm f'oqsma tradizzjonali kif ukoll f'dawk ġodda, fost l-oħrajn billi joħolqu programmi ddedikati;
23. Jikkunsidraw il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi ta' appoġġ u skemi ta' inċentivi effettivi għall-patroċinju privat, immirati lejn artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi bħala grupp sottorappreżentat fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jiżguraw l-integrazzjoni ta' prinċipji ġusti fir-rigward ta' remunerazzjoni u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati fl-istrateġiji ta' finanzjament;

24. Iżommu u jkomplu jiżviluppaw programmi ta' boroż ta' studju għal artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi;
25. Jikkunsidraw l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' strumenti eżistenti jew il-ħolqien ta' oħrajn ġodda (eż. fil-forma ta' portal web/gwida/newsletter) iddedikati għal informazzjoni utli, l-aħjar prattiki u aħbarijiet dwar is-suq tax-xogħol għal artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi, u l-iżvilupp ta' għarfien dwar l-impjieg ta' artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi, inkluż dawk b'diżabilità u dawk b'inqas opportunitajiet;
26. Jikkunsidraw li jappoġġaw u jiffaċilitaw inizjattivi li jinvolvu konnessjoni diretta bejn artisti u professjonisti kulturali u kreattivi stabbiliti u dawk żgħażaġh, bħal sessjonijiet ta' tlaqqiġh iddedikati, avvenimenti ta' networking jew programmi ta' mentoraġġ biex jgħinu fit-tnaqqis tad-distakk bejn l-edukazzjoni u l-impjegi fis-CCS;
27. Iżommu l-kontributi aġġornati tagħhom għall-mappa CreativesUnite dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-CCS u l-azzjonijiet, inkluż dawk applikabbli għall-artisti Ukreni⁴;

⁴ <https://creativesunite.eu/>.

JISTIENEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELLI ADATTI U FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX:

28. F'konformità mad-diskussjonijiet fil-Kunsill u fil-Parlament Ewropew, jippromwovu kundizzjonijiet xierqa għas-sitwazzjoni soċjali u professjonali ta' artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi bħala kwistjoni ewlenija fi ħdan qafas strateġiku futur tal-UE għall-kultura, il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura li jmiss, kif ukoll djalogu kontinwu mas-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati Ewropej;
29. Iħeġġu lill-artisti żgħażaġh u lill-professjonisti kulturali u kreattivi jipparteċipaw fi programmi eżistenti bħal Ewropa Kreattiva (inkluż Culture Moves Europe), Erasmus+, Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ u Orizzont Ewropa. Barra minn hekk, fejn applikabbli, joħolqu inċentivi li jippermettu lill-artisti żgħażaġh u lill-professjonisti kulturali u kreattivi jiskambjaw l-aħjar prattiki u jiksbu esperjenza fl-Istati Membri tal-UE u f'pajjiżi oħra li jipparteċipaw f'dawk il-programmi. Għal dak l-għan, għandhom jiġu mħeġġa inizjattivi li jipprovdu sessjonijiet ta' informazzjoni trasversali jew pjattaformi ta' komunikazzjoni kondiviżi bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Erasmus+, Ewropa Kreattiva u Orizzont Ewropa;
30. Jippromwovu aktar il-Programm Ewropa Kreattiva, inkluż l-azzjoni ta' mobbiltà Culture Moves Europe u inizjattivi oħra, li jippermettu lill-artisti żgħażaġh u lill-professjonisti kulturali u kreattivi jieħdu sehem fi proġetti ta' mobbiltà kulturali individwali u residenzi fil-pajjiżi kollha tal-Ewropa Kreattiva u possibbilment lil hinn minnhom, li jistgħu jgħinuhom jiżviluppaw u jappfondixxu relazzjonijiet professjonali internazzjonali;

31. Jinkoraġġixxu proġetti li jinvolvu riċerka dwar is-sitwazzjoni ta' artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi li jibdeu fis-suq tax-xoġhol, filwaqt li jitqiesu l-leġiżlazzjoni dwar ix-xoġhol, it-tassazzjoni u l-protezzjoni soċjali;
32. Jippromwov u l-valur miżjud tad-djalogu soċjali bħala għodda għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xoġhol ta' artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, u jappoġġaw azzjoni li tibni fuq il-ħidma diġà mwettqa fil-livell tal-UE dwar il-mobbiltà, it-tassazzjoni (inkluż il-VAT), is-sigurtà soċjali, is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xoġhol, l-għoti ta' informazzjoni u kwistjonijiet oħra relatati mal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, kif ukoll jippromwov u l-iskambju ta' għarfien u l-aħjar prattiki fis-CCS;
33. Filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija tagħhom, jirrakkomandaw li l-istituzzjonijiet kulturali u l-bordijiet kollettivi jippromwov u l-parteciġazzjoni ta' artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
34. Jikkunsidraw l-inklużjoni ta' data dwar artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi fl-istatistika pubblika, fejn xieraq u mingħajr ma jimponu piż amministrattiv eċċessiv;
35. Sabiex tittejjeb ir-rilevanza tal-ħiliet tal-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jippromwov – fejn xieraq – sistemi pan-Ewropej ta' monitoraġġ regolari u komparabbli dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati bbażati fuq l-esperjenza pan-Ewropea tal-proġett pilota "Eurograduate";
36. Jiffaċilitaw u jappoġġaw il-portabbiltà transfruntiera tal-kompetenzi fis-CCS;

37. Jikkunsidraw li jappoġġaw il-ħolqien u l-espansjoni ta' traineeships ta' kwalità għolja għal artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi, kif ukoll skambji kulturali u kreattivi ffaċilitati permezz tal-programmi u l-inizjattivi Ewropej rilevanti, inkluż il-Fondi ta' Koeżjoni, li jistgħu jgħinu biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u joħolqu rabta bejn l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh u dawk fis-CCS;
38. Ikomplu jappoġġaw, fejn xieraq, id-dimensjoni kulturali tal-Programm Erasmus+, li appoġġa l-proġetti ta' mobbiltà u kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-arti u l-kultura, fetax opportunitajiet għaż-żgħażaġh biex jiskopru u jinvolvu ruħhom mal-kultura, u ppermetta lil eluf ta' istituzzjonijiet u assoċjazzjonijiet li jaħdmu fil-wirt kulturali jiżviluppaw il-programmi edukattivi tagħhom;
39. Jikkunsidraw li jappoġġaw artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi b'opportunitajiet limitati, bħal dawk li jappartjenu għal minoranzi jew ġejjin minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Ewropa Kreattiva, artisti f'riskju u spostati li jiġu fl-UE, biex jingħataw għajnuna ħalli jtejbu s-sitwazzjoni tal-qligħ tagħhom u jżidu l-kompetittività tagħhom fis-suq tax-xogħol (permezz ta' inizjattivi bħal residenzi artistiċi, pariri legali, korsijiet, taħriġ u fondi għall-promozzjoni tal-kreattività);
40. Jużaw u jiżviluppaw aktar il-pjattaformi eżistenti għall-preżentazzjoni tal-aħjar prattiki⁵ li jeżistu fl-Istati Membri sabiex l-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi jkunu aktar viżibbli;
41. Jieħdu kont tal-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet sal-2029;

⁵ eż. Pjattaformi Ewropej għall-promozzjoni ta' artisti emerġenti (2021-2023): <https://culture.ec.europa.eu/creative-europe/creative-europe-culture-strand/european-platforms>; Il-Programm ta' Żvilupp tal-Artisti (ADP) iffinanzjat mill-Istitut tal-BEI: <https://institute.eib.org/whatwedo/arts/artists-residencies/>.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

42. Tikkunsidra l-immappjar tad-definizzjonijiet eżistenti ta' artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi madwar l-Istati Membri, u b'hekk tippermetti t-tqabbil tad-data bejn il-pajjiżi u setturi/oqsma differenti;
43. Filwaqt li tibni fuq is-suċċess tal-Programm Ewropa Kreattiva, tkompli tippromwovi inizjattivi ġeneralment iddedikati għal artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi;
44. Tipprova tissimplifika l-proċessi ta' applikazzjoni għall-finanzjament tal-UE sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-artisti żgħażaġh u l-professjonisti kulturali u kreattivi;
45. Tikkunsidra l-iżvilupp ta' possibbiltajiet għal artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi fi programmi Ewropej eżistenti u politiki futuri rilevanti;
46. Tkompli tiżviluppa networks tematiċi eżistenti kofinanzjati minn Ewropa Kreattiva għall-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi li jaħdmu f'diversi CCS⁶, u bil-ħsieb li jiġi sfruttat il-potenzjal ta' artisti żgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi li jibdew il-karrieri tagħhom;
47. Tkompli tħeġġeġ ir-riċerka f'dan il-qasam, inkluż ir-riċerka trasversali; twettaq analiżi li torbot il-kultura ma' diversi oqsma xjentifiċi u ekonomiċi; u tikkunsidra l-ħolqien ta' networks ta' riċerka interdixiplinari ffinanzjati mill-UE, b'enfasi speċifika fuq artisti żgħażaġh u professjonisti kreattivi, biex jesploraw ir-rabtiet bejn l-attivitajiet kulturali u kreattivi u x-xjenza, it-teknoloġija, l-ekonomija, l-innovazzjoni soċjali u s-saħħa.

⁶ Networks Ewropej: <https://culture.ec.europa.eu/creative-europe/creative-europeculture-strand/european-networks>.

Definizzjonijiet:

Għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet:

- *Artisti zgħażaġh u professjonisti kulturali u kreattivi* jitqiesu li huma dawk ta' bejn it-18 u t-30 sena, kif ukoll artisti emerġenti u professjonisti kulturali u kreattivi ta' kwalunkwe età, li qed jibdew il-karrieri tagħhom;
- *Setturi kulturali u kreattivi (CCS)* tfisser is-setturi kollha¹:
 - a) li l-attivitajiet tagħhom, li bosta minnhom għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw l-innovazzjoni u l-impjiegi, b'mod partikolari mill-propjetà intellettwali:
 - i) huma bbażati fuq valuri kulturali u espressjonijiet artistiċi u espressjonijiet kreattivi oħra individwali jew kollettivi; u
 - ii) jinkludu l-iżvilupp, il-ħolqien, il-produzzjoni, id-disseminazzjoni u l-preżervazzjoni ta' prodotti u servizzi li jinkorporaw espressjonijiet kulturali, artistiċi jew espressjonijiet kreattivi oħra, kif ukoll funzjonijiet relatati bħall-educazzjoni jew il-ġestjoni;
 - b) irrispettivament minn:
 - iii) jekk l-attivitajiet ta' dawk is-setturi humiex orjentati lejn is-suq jew mhux orjentati lejn is-suq;
 - iv) it-tip ta' struttura li twettaq dawk l-attivitajiet; u
 - v) kif tiġi ffinanzjata l-istruttura.

Dawk is-setturi jinkludu, fost l-oħrajn, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-sinjara' artistiċi, l-awdjoviżiv (inkluż iċ-ċinematografija, it-televiżjoni, il-logħob tal-video u l-multimedia), il-patrimonju kulturali tanġibbli u intanġibbli, id-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), il-festivals, il-mużika, il-letteratura, l-arti tal-ispettaklu (inkluż it-teatru u ż-żfin), il-kotba u l-pubblikazzjoni, ir-radju u l-arti viżiva.

¹ B'enfasi partikolari fuq dawk imsemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013.

Referenzi:

- Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-pjan ta' ħidma tal-UE għall-kultura 2023-2026 (2022/C 466/01);
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aċċess taż-żgħażaġh għall-kultura (ĠU C 326, 3.12.2010, p. 2);
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiżiħ tal-potenzjal kreattiv u innovattiv taż-żgħażaġh (ĠU C 169, 15.6.2012, p. 1);
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġenerazzjonijiet ta' żgħażaġh kreattivi (2019/C 189/06);
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żgħażaġħ u l-Futur tax-Xogħol (2019/C 189/05);
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-irkupru, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali u kreattivi (2021/C 209/03);
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiżiħ tal-iskambji interkulturali permezz tal-mobbiltà tal-artisti u l-professjonisti kulturali u kreattivi, u permezz tal-multilingwiżmu fl-era diġitali (2022/C 160/07);
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar artisti friskju u spostati (2023/C 185/09);
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib u t-trawwim tal-aċċess għall-kultura (C/2024/7446);

- Ir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021 - 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013;
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-artisti u l-irkupru kulturali fl-UE (2020/2261(INI));
- Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2023 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas tal-UE għas-sitwazzjoni soċjali u professjonali tal-artisti u tal-ħaddiema fis-setturi kulturali u kreattivi (2023/2051(INI));
- The OMC report on the Status and Working Conditions of Artists and Cultural and Creative Professionals (Ir-rapport tal-MMK dwar l-Istatus u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Artisti u tal-Professjonisti Kulturali u Kreattivi):
<https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/01fafa79-1a13-11ee-806b-01aa75ed71a1/language-en> ;
- Ir-Rapport ta' Voices of Culture "Youth, Mental health and Culture" (Żgħażaġħ, Saħħa Mentali u Kultura), 2023;
- Pjattaforma tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti fuq CreativesUnite, li tinkorpora u taġġorna r-riżultati tal-istħarriġ u s-sejbiet tal-grupp tal-MMK:
<https://creativesunite.eu/work-condition/>;
- Il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali (2005);
- Eurograduate Pilot Project: <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/51f88c2e-a671-11ea-bb7a-01aa75ed71a1/language-en>;
- Il-Karta ta' Porto Santo 'Culture and the promotion of Democracy Towards a European Cultural Citizenship'(Il-Kultura u l-Promozzjoni tad-Demokrazija: Lejn Ċittadinanza Kulturali Ewropea) (2021);
- Recommendation concerning the Status of the Artist (Ir-Rakkomandazzjoni dwar l-Istatut tal-Artist), UNESCO 1980;

- Empowering creativity: implementing the UNESCO 1980 Recommendation; 5th global consultation 2023 (Nagħtu s-setgħa lill-kreattività: l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-UNESCO 1980; il-ħames konsultazzjoni dinjija 2023);
 - Defending Creative Voices: Artists in emergencies, Learning from the safety of journalists, UNESCO 2023 (Niddefendu l-Vuċijiet Kreattivi: Artisti f'emergenzi, Tagħlim mis-sikurezza tal-ġurnalisti, UNESCO 2023);
 - Il-Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar ftehimiet kollettivi minn persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom;
 - Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2024 "Ewropa Attiva" – opportunitàet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd (Europa.eu);
 - Il-Qafas tal-UNESCO għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Arti, 2024.
-